

# Żmien ta' Ħidma



John Schembri
**Direttur**

Għaddiet sena oħra u erġajna wasalna biex niċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina. Il-festa huwa żmien ta' ħafna attivitajiet u impenji li wieħed ikun ipprepara għalihom matul is-sena li tkun għaddiet. Wara kull festa kulħadd jerġa' jmur lura għar-rutina tas-soltu u jerġa' jibda xogħol ieħor.

Ix-xogħol fil-każin ma jieqaf qatt. Din is-sena l-kumitat ħaseb biex jagħti dehra ġdida lis-sulari ta' fuq tal-każin. Saret ħidma kbira minn ħafna volontarji biex dan ix-xogħol ikun jista' jseħħ. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom. Barra minn dan ix-xogħol, il-każin jirrikjedi diversi xogħlijiet li jinqalgħu minn żmien għall-żmien.

Barra x-xogħol ta' manutenzjoni li jsir fil-każin matul is-sena, ikunu organizzati wkoll diversi attivitajiet li jġibu ħafna xogħol magħhom. Fost dawn insibu l-*Coffee Morning* ta' kull xahar, ikliet u għat-tieni sena konsekuttiva l-wirja li tiġi organizzata mill-grupp żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial. Bħas-sena l-oħra, il-wirja ġibdet numru ta' nies li apprezzaw ix-xogħol esebit u għal darb'oħra kienet ta' suċċess. Minn hawn nagħti prosit lil dawn iż-żgħażagħ ta' din l-inizjattiva biex itellgħu din il-wirja.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat u l-membri u benefatturi kollha li dejjem taw l-għajnuna tagħhom matul is-sena. Nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha speċjalment l-anzjani u l-morda li ma jistgħux ikunu magħna waqt il-festa u lil dawk l-emigranti kollha li jinsabu magħna għall-festa tal-Vitorja.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

*Żuru l-'website' tagħna*
**www.imperialbandclub.com**
Ikkuntattjana fuq *e-mail*:
**info@imperialbandclub.com**

**SELMUN**
**TAL-FNIEK**
**Bar & Restaurant**
***Specialising in Maltese Dishes, Rabbit, Horse Meat, Quails, and Delicious Pizza.***
**Large Groups are Welcome**
**Tel: 2157 2984 • Mob: 9944 6225**
**LIVE Sport events on BIG SCREEN**

